


# IL-PONT

miġbura minn Patrick SAMMUT

ħarġa Nu. 39 - **ĠUNJU 2016**


# editorjal

F'din il-ħarġa ġdida ta' IL-PONT inkludejt erba' intervisti, tnejn ma' kittieba li għandhom 'il fuq minn tmenin sena (Lina Brockdorff u Carmel Mallia), imma li għadhom attivi sew u prolifiċi, u tnejn ma' kittieba (Alfred Scalpello u Alfred Massa) li għadhom kemm ħarġu żewġ kotba ġodda. Fl-ewwel żewġ każi nħossu privileġġ li kittieba anzjani u prolfiċi taw il-ħin u l-enerġija tagħhom biex wieġbu għall-mistoqsijiet li għamiltilhom. Inħoss li huwa fid-dmir tiegħi bħala editur ta' din ir-rivista letterarja li nagħti spazju u leħen lil kittieba bħal dawn, anki biex insiru nafu aħjar lilhom u lill-kitbiet tagħhom. Fil-każ ta' Scalpello u Massa din id-darba minflok ktibt reċensjoni dwar il-kotba tagħhom (wieħed traduzzjoni ta' rumanz, u l-ieħor ġabra ta' rakkonti) ħallejt lilhom jitkellmu biex mill-ġdid insiru nafu direttament mingħandhom kif jaħsbuha dwar ħwejjeġ differenti u x'tip ta' kitba hi dik tagħhom.

Bħalma ġieli għamel drabi oħra (bħal fil-każ tal-poeta u fundatur tal-Għaqda Poeti Maltin, Mons. Amante Buontempo, li proprju dan ix-xahar jagħlaq 12-il sena mejjet), Il-PONT ta' dan ix-xahar qed ifakkar lill-poeta Toni Caruana li ħalliena f'Ġunju tal-2010. Kieku ma jsirx hekk kittieba u poeti bħal dawn jintesew darba għal dejjem, u dan żgur mhux rispett lejn dawk li ħabbew il-kitba, l-ilsien Malti u spiss semmgħu leħenhom dwar aspetti soċjali differenti matul

# werrej


| | |
|---|---|
| *L-Aħbarijiet* | **3** |
| *Reazzjonijiet* | **6** |
| *Il-Ktieb u l-Intervista (1)* | **7** |
| *Il-Ktieb u l-Intervista (2)* | **9** |
| *Tifkira ta' Poeta - Toni Caruana* | **10** |
| *Poeżiji ta' Toni Caruana* | **11** |
| *L-Intervista - Lina Brockdorff* | **12** |
| *Ir-rakkont - Mary Chetcuti* | **13** |
| *Kotba u Tagħlim tal-Malti* | **15** |
| *L-Intervista - Carmel Mallia* | **16** |
| *Il-Poeżiji* | **19** |
| *Il-Poeżiji - Lil Hinn Minn Xtutna* | **22** |
| *Minn fuq l-Ixkaffa* | **23** |



Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

# l-editorjal kont...

ħajjithom permezz tal-kitbiet tagħhom li dehru fuq diversi ġurnali u rivisti fuq kollox lokali.

Xi darba hawn Malta għad irid jinfetaħ Ċentru tal-Istorja tal-Letteratura Maltija. Biss, ma jridx isir l-iżball - ħafna drabi konxju - li fih jiġu nklużi biss ix-xogħlijiet tal-kittieba li kellhom ix-xorti li jingħataw spinta mill-professuri, mill-kritiċi, mill-ġurnalisti, mill-pubblikaturi ħbieb u ħbieb tal-ħbieb. Dan ilu jseħħ u għadu jseħħ sal-ġurnata tal-lum: l-ismijiet tal-kittieba li jidhru regolarment fuq il-mezzi tal-komunikazzjoni jew f'fieri speċjalizzati kemm Malta kif ukoll barra minn pajjiżna, jew saħansitra fuq l-ixkafef tal-libreriji u tal-ħwienet tal-kotba huma limitati ferm, jekk mhux dejjem l-istess. Hemm min jgħid li dawn huma l-kittieba li jistħoqqilhom tassew li jissejħu hekk; il-bqija m'humiex ta' livell. Imma dan min jgħidu?

Din il-ġlieda tal-inklużjoni ta' kittieba li m'għandhomx l-ispinta tal-"qaddisin" qiegħda kullimkien, anki meta niġu għal-lista ta' kotba li jridu jiġu ppreparati għas-sillabi ta' eżamijiet partikolari, jew għal-lista ta' kotba li jidħlu fl-iskejjel! Anki hawn, spiss jaħkmu l-monopolji u l-mentalità li trid tbellagħhielna li l-letteratura tajba hija biss dik li hija rriklamata fuq ċerti gazzetti ta' nhar ta' Ħadd jew dik li ssib fuq l-ixkaffi ta' ħwienet li ma jbigħux biss kotba imma anki ħelu, fwiħat, ġugarelli, u fejn min suppost jifhem m'għandux idea ta' x'kotba hemm fuq l-ixkaffa.

Kienet idea sabiħa ferm dik li jinkixef bust li jfakkar lill-kittieb Rabti Kilin fl-istess lokalità. Dan se jkompli jżejjen lill-gżejjer Maltin billi jfakkar u jagħti ġieħ lill-kittieb Malti ieħor li ħadem qatigħ biex jagħni lill-ilsien Malti u lil-letteratura Maltija. Kittieba oħra mfakkrin b'dan il-mod huma Dun Karm Psaila, Anton Buttigieg, Ġorġ Pisani, Karmenu Vassallo, E.B. Vella, Mikiel Anton Vassalli, Laurent Ropa, Francis Ebejer, Ġużè Muscat Azzopardi, u bosta oħrajn. Dawn huma biss dawk li ġew f'moħħi bħalissa. Minn dawn l-inizzjattivi għandu jkun hemm f'kull raħal ta' Malta u Għawdex: poplu li jirrispetta lill-kittieba ta' pajjiżu hu poplu li jirrispetta lilu nnifsu u li ma jistħix iberraħ dak li hu sabiħ, tajjeb u verament siewi.

Inizzjattiva sabiħa oħra f'rabta ma' dan tkun dik li l-Ministeru tal-Edukazzjoni jibni lista tal-kittieba Maltin kontemporanji - kollha kemm huma u mhux biss il-ħbieb tal-ħbieb - u jorganizza korsijiet-laqgħat direttament ma' dik il-parti tal-pubbliku li tkun interessata f'li ssir taf lil dawn il-kittieba u xogħlijiethom aħjar. Xi ħaġa simili kienet seħħet fl-imgħoddi mill-AZAD meta l-pubbliku seta' jiltaqa' ma' numru sabiħ ta' kittieba li tkellmu wiċċ imb wiċċ ma' dawk interessati, semgħu partijiet mix-xogħlijiet moqrija mill-kittieba stess u staqsew mistoqsijiet varji.

Ma' dan tintrabat l-inizzjattiva pozittiva mtellgħa mid-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta li se joffri Diploma fil-Letteratura Maltija minn Ottubru li ġej. Din id-Diploma għandha l-għan li tħejji lill-istudenti għar-realtajiet analitiċi u kreattivi tas-seklu 21, u tiftaħ toroq ġodda għall-arti tal-kelma. Awguri u prosit tassew għal inizzjattivi bħal dawn!

**Patrick Sammut (Fundatur u Editur)**
**sammutpatrickj@gmail.com**

EDITORJAL

# l-aħbarijiet

**IMUT GEOFFREY H. HARTMAN**

Nhar l-14 ta' Marzu 2016 miet fl-Istati Uniti l-kritiku letterarju Geoffrey H. Hartman. Huwa kellu 86 sena. Huwa kiteb dwar il-poeti Romantiċi, it-testi sagri Ġudajċi, l-Olokawst, id-dekostruzzjoni u oqsma oħrajn. Mewtu ġiet imħabbra mill-Università ta' Yale, fejn huwa kien professur Sterling emeritus tal-letteratura Ingliża u komparata. Fost ix-xogħlijiet l-iktar magħrufa tiegħu hemm *Wordsworth's Poetry, 1787-1814* (1964), *Criticism in the Wilderness: The Study of Literature Today* (1980), *The Longest Shadow: In the Aftermath of the Holocaust* (1996), u l-ktieb ta' tifkiriet, *A Scholar's Tale: Intellectual Journey of a Displaced child of Europe* (2007).



**Il-kritiku letterarju Geoffrey H. Hartman.**

**TNEDIJA TAL-*LEXICON JEW DIZZJUNARJU MALTI-LATIN-TALJAN***

Fl-okkażjoni tat-tnedija tal-*Lexicon jew Dizzjunarju Malti-Latin-Taljan* (edizzjoni Mons. Lawrenz Cachia) l-Akkademja tal-Malti ppreżentat ir-restawr tal-*Prospetto per un'associazione* tal-*Lexicon* ta' Mikiel Anton Vassalli lill-Arċipriet tan-Naxxar. L-Akkademja daħlet għall-ispejjeż tar-restawr li kien fi ħsieb Dr Theresa Zammit Lupi. It-tnedija saret nhar il-15 ta' Marzu 2016 fid-Dar tal-Kleru, f'Birkirkara. Matul is-serata l-Prof. Albert Borg tkellem dwar "Il-ħidma ta' Mons. Lawrenz Cachia b'risq Vassalli"; Trevor Żahra ppreżenta t-taħdita bl-isem ta' "X'jirrappreżenta Vassalli għalina"; il-Prof Manwel Mifsud tkellem dwar "L-għanja Vassalli u kelmtejn fuq is-sehem ta' Mons. Cachia fl-Akkademja"; Mons. Lawrenz Cachia tħaddet dwar "L-edizzjoni l-ġdida ta' Ktyb yl Klym Malti"; filwaqt li Paul Catania (l-arkivista tal-parroċċa tan-Naxxar) tkellem dwar "L-aħħar skoperta fuq Vassalli". Karmen Azzopardi qrat iż-żewġ poeżiji *Lil Mikiel Anton Vassalli* miktubin minn Dun Karm u Ġorġ Pisani rispettivament.

**IL-FESTIVAL TAL-KTIEB FUQ IL-CAMPUS**

L-Għaqda tal-Malti - Università u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb organizzaw it-tielet edizzjoni tal-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus fl-Università. Il-Festival ittella' bejn il-5 u s-7 ta' April. Waqt dan il-Festival kien hemm diversi stands ta' għadd ta' pubblikaturi u distributuri ewlenin. Ma' dawn kien hemm l-Għaqda tal-Malti u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb li kellhom imħejji rigal ċkejken għall-ewwel mija li żaru l-Festival. Barra minn hekk, kien hemm attivitajiet li varjaw minn *workshops* għal films, minn qari għal taħditiet, u oħrajn. L-attivitajiet saru minn individwi u entitajiet differenti. Matul it-tlett ijiem tal-Festival il-Librerija tal-Università fetħet il-bibien tagħha għall-istudenti b'attivitajiet interessanti fi mkejjen li mhux soltu nidħlu fihom. L-Għaqda tal-Malti esebixxiet ir-ritratti tal-kompetizzjoni "Ħudli Ritratt". Matthew Schembri ħa ħsieb l-installazzjoni tal-arti "Ixorbu l-Kotba". Il-mistiedna speċjali tal-festival kienet il-kittieba Iżlandiża Gerður Kristný li pparteċipat f'attività kull ġurnata. Nhar is-6 ta' April, Kristný tat *workshop* marbut mal-kitba mill-ġdid tal-Mitoloġija, u nhar is-7 ta' April il-festival ingħalaq b'qari u mistoqsijiet lill-istess awtriċi.

**JITFAKKAR IL-50 ANNIVERSARJU TAL-ISKOPERTA TAL-KANTILENA**

Nhar is-7 ta' April 2016, biex jitfakkar il-ħamsin anniversarju mindu Fr Mikiel Fsadni skopra l-*Kantilena* ta' Pietru Caxaru, FARAXA Publishing tatna f'idejna t-tieni edizzjoni aġġornata ta' Mark Montebello *Pietru Caxaru u l-Kantilena Tiegħu*. L-awtur tkellem dwar studju 'revoluzzjonarju' li għadu kif temm dwar is-suġġett. Wara saret diskussjoni mmexxija mill-Prof. Toni Aquilina, u dan wara li nqrat l-'għanja' mill-Prof. Martin R. Zammit, skont ir-regoli fonoloġiċi tal-Malti Medjevali. Għalqet is-serata Doreen Galea li kantat għal dawk preżenti l-*Kantilena* ta' Pietru Caxaru akkumpanjata minn Dominic Galea.

**JITFAKKAR IL-JUM INTERNAZZJONALI TAL-KTIEB U L-COPYRIGHT**

Nhar l-24 ta' April, VersAgħtini flimkien ma' Ħbieb il-Mużew tas-Santwarju Madonna tal-Grazzja, fakkru l-Jum Internazzjonali tal-Ktieb u l-Copyright. Matul l-okkażjoni, li saret fil-Mużew tas-Santwarju f'Ħaż-Żabbar, inqraw siltiet mill-wirt letterarju Malti fil-festival "Il-Ballata tal-Grazzja". VersAgħtini jagħti

wkoll spazju lid-djaletti: din id-darba wieħed seta' jisma' ż-Żurrieqi, l-Għaxqi u ż-Żejtuni.

**REBBIEĦA TAL-PREMIO STREGA RAGAZZE E RAGAZZI 2016**

Il-Premio Strega Ragazze e Ragazzi 2016 intrebaħ minn Chiara Carminati għall-kategorija ta' 'l fuq minn 11-il sena permezz tal-ktieb *Fuori fuoco*, ippubblikat minn Bompiani. Il-premjazzjoni saret ġewwa l-Fiera tal-Ktieb għat-tfal ta' Bologna u l-premjijiet ġew imħabbra mill-Ministru tal-Kultura Taljan, Dario Franceschini. Susanna Tamaro, bil-ktieb tagħha *Salta, Bart!*, ippubblikat minn Giunti, rebħet il-kategorija minn 6 sa 10 snin. Dak ta' Chiara Carminati huwa rakkont imqiegħed fl-isfond tal-Ewwel Gwerra Dinjija u l-kunflitt bejn l-Italja u l-Awstrija. Il-gwerra hija mifhuma bħala bhima għamja li ma tagħrafx bejn min liebes l-uniformi ta' suldat u min le. Carminati twieldet f'Udine fl-1971 u hija lawreata fil-Letteratura Moderna.

Bart, il-protagonist tal-ktieb ta' Susanna Tamaro, għandu 10 snin, huwa intelliġenti ħafna u jgħix f'futur fejn il-ħajja tiddependi mit-teknoloġija u kull fażi tal-ġurnata hija regolata mill-magni. Bart hu dejjem waħdu għax il-ġenituri jinsabu 'l bogħod minħabba x-xogħol u l-uniku kuntatt li joffrilu ftit kenn huwa l-ors gugarell tiegħu Kapok. Dan ta' Tamaro huwa ktieb li jirrifletti dwar id-distorsjonijiet tat-teknoloġija u dwar is-soċjetà tagħha li hija tant ossessjonata bil-kumdità li twarrab il-valuri importanti u r-rispett lejn id-Dinja. Susanna Tamaro twieldet fi Trieste fl-1957.



**Il-kittieba Chiara Carminati.**

**ŻEWĠ SERATI KULTURALI MTELLGĦA MILL-GĦAQDA POETI MALTIN U KUNSILLI LOKALI**

Nhar it-30 ta' April 2016, fis-sala tal-Iskola Primarja, l-Għaqda Poeti Maltin ipparteċipat f'Serata Kulturali, magħmula minn Mużika u Poeżija, bħala parti miċ-Ċelebrazzjonijiet ta' Jum l-Imtarfa. Dan seħħ għal darb'oħra f'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali Mtarfa.

Sertata Kulturali oħra organizzata mill-Għ.P.M. flimkien mal-Kunsill Lokali Ħamrun saret fl-20 ta' Mejju 2016. Din saret fil-pjazza ta' quddiem il-Kunsill, Triq id-Duka ta' Edinburgh. Anki matul din is-Serata Kulturali, li kienet parti miċ-Ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Ħamrun, indaqqu siltiet mużikali u nqraw għadd ta' poeżiji. Iż-żewġ okkażjonijiet ġew fi tmiemhom b'riċevimenti għal dawk li attendew.

**JINTREBAĦ IL-MAN BOOKER INTERNATIONAL 2016**

Din is-sena il-premju ta' £50,000 ingħata lill-Koreana Han Kang, awtriċi tar-rumanz *The Vegetarian*, u maqlub għall-Ingliż minn Deborah Smith. Fil-fatt il-premju se jinqasam bejn l-awtriċi u t-traduttriċi. Din is-sena Han Kang rebħet fuq kittieba ta' statura internazzjonali bħal Orhan Pamuk (bil-ktieb *A Strangeness in My Mind*)u Elena Ferrante (bil-ktieb *The Story of a Lost Child*). *The Vegetarian* huwa rumanz maqsum fi tliet partijiet li jiġbor fih elementi li għandhom kemm mis-sbuħija, kif ukoll mill-biża'. Jirrakkonta l-istorja ta' mara miżżewġa ordinarja li tiddeċiedi li ssir veġetarjana filwaqt li tfittex li tgħix eżistenza li tixbah lil dik tal-pjanti. Din id-deċiżjoni kontroversjali tiġġenera ħruxija min-naħa ta' żewġha u missierha, ossessjoni min-naħa t'oħt żewġha, ladarba l-mara, Yeong-hye, tibda toħlom b'mod ossessiv dwar li ssir siġra. L-istorja hija mgħoddija lilna permezz ta' tliet ilħna u perspettivi differenti. *The Vegetarian* kien wieħed mill-155 ktieb parteċipanti. Iċ-ċelebrazzjoni tal-premjazzjoni saret lejn nofs Mejju li għadda fil-Victoria & Albert museum ta' Londra. Ta' min jgħid li fir-Renju Unit il-bejgħ tal-letteratura mistħajla tradotta żied minn 1.3 miljun kopja fl-2001 għal 2.5 miljun kopja fl-2015. Kien hemm ukoll żieda enormi fil-bejgħ tal-letteratura mistħajla Koreana: minn 88 kopja fl-2001 għal 10,191 kopja fl-2015.

# l-aħbarijiet

**SEMINARJU KAHLIL GIBRAN**

Bejn it-22 u l-24 ta' Mejju 2016 fil-Kunvent Karmelitan fl-Imdina ġie organizzat seminarju dwar il-kittieb u poeta Lebaniż Kahlil Gibran. Waqt dan is-seminarju ġew diskussi aspetti bħalma huma l-ħajja kumplessa u l-messaġġ spiritwali ta' Gibran li ħalla warajh ġemgħa mdaqqsa ta' xogħlijiet ta' natura spiritwali u politika intensa. L-istil tiegħu influwenza l-letteratura Għarbija moderna. Fost ix-xogħlijiet tiegħu hemm *The Prophet* u *The Madman*. It-taħdidiet waqt dan is-seminarju saru bl-Ingliż mir-Rev. Dr Charlò Camilleri, O.Carm u s-Sur Christopher Bezzina.

**TAĦDITA PUBBLIKA FL-UNIVERSITÀ DWAR IT-TRADIZZJONI ORALI**

Nhar IL-25 ta' Mejju, il-Prof. Mourad Yelles mill-università INALCO ta' Pariġi, għamel taħdita bl-Ingliż dwar it-tradizzjoni orali, bl-isem "Some main issues on oral tradition. Women's urban quatrains in North Africa." Din l-attività saret fil-Librerija tal-Fakultà tal-Arti, u ġiet organizzata mid-Dipartiment tal-Malti bħala parti minn proġett dwar It-Tradizzjoni Orali. Il-Prof. Yelles speċjalizza fil-letteratura komparata u r-riċerka tiegħu tiffoka fuq l-influwenzi ta' letteraturi differenti fuq xulxin, il-kitbiet u t-tradizzjonijiet orali tal-Magreb, u fuq iċ-ċinema, il-mużika, u l-immaġinarji postkolonjali. Il-Prof. Yelles studja fl-Universitajiet tal-Algier, Londra (SOAS) u s-Sorbonne (Paris 3).



**Il-Prof. Mourad Yelles.**

**DIPLOMA FIL-LETTERATURA MALTIJA FL-UNIVERSITÀ TA' MALTA**

Fetħu l-applikazzjonijiet għal Diploma ġdida fil-Letteratura Maltija fl-Università ta' Malta li se tibda f'Ottubru li ġej. Dan il-kors part-time ta' filgħaxija, b'żewġ lezzjonijiet fil-ġimgħa ta' tliet sigħat il-waħda, huwa mifrux fuq sentejn. Il-kors jiftaħ darba kull sentejn u qed jitmexxa mid-Dipartiment tal-Malti fil-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta. Banif Bank u l-Kunsill Malti għall-Arti qed joffru l-għajnuna finanzjarja tagħhom lill-istudenti li jmorru tajjeb fid-diploma. Il-lezzjonijiet jibdew f'Ottubru u se jsiru t-Tnejn u l-Erbgħa, mill-5:30 pm sat-8:30 pm. Id-diploma tiffoka fuq l-analiżi u t-tħaddim tal-letteratura fis-seklu 21 u toffri bosta elementi li huma differenti minn dak li joffri l-Baċellerat tal-Malti. Dawk li huma interessati jistgħu japplikaw billi jidħlu f'din il-paġna tas-sit tal-Università minn issa sa qabel il-21 ta' Lulju li ġej: www.um.edu.mt/apply.

Bi ftehim mad-Dipartiment tal-Malti, Banif Bank (Malta) plc se jħallas il-miżata, sa massimu ta' 2000 ewro, tal-kors tal-istudent jew l-istudenta li tiġi l-ewwel fil-kors, waqt li l-Kunsill Malti għall-Arti se jagħti għajnuna finanzjarja għall-aħjar erba' proġetti ta' studenti fit-tieni sena tal-kors.

Id-deskrizzjoni dettaljata u avviżi oħra fuq il-kors jidhru kemm fuq is-sit tal-Università, www.um.edu.mt/arts/malti/avvizi/diploma-letteratura, kif ukoll fuq Facebook, www.facebook.com/uom.diplittmalt.

**INAWGURAT FIR-RABAT IL-BUST TA' KILIN**

L-Akkademja tal-Malti flimkien mal-familja ta' Mikiel Spiteri, nhar is-26 ta' Mejju inawguraw bust – maħdum mill-iskultur Rabti Joseph Scerri - tal-kittieb Kilin (1917-2008) quddiem l-iskola primarja fir-Rabat. Il-bust inkixef mill-Onor. Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol Evarist Bartolo. Ħadu sehem il-Greenfields u nqraw poeżiji u proża minn Vanni Riolo, Rose Caruana, Marċella Agius, Mario Caruana u Cecilia Testa. Waqt l-istess okkażjoni tnieda l-ktieb ta' Kilin, *The island was called Melita,* traduzzjoni tal-ktieb ta' Kilin *Tinsiex Publius, Tinsiex.* Il-mafkar tbierek mir-Rev. Martin Micallef, Direttur tad-Dar tal-Providenza.

# reazzjonijiet

**E-mail mingħand Carmel Mallia, 2 ta' Marzu 2016**

Patrick,
Prosit għal darba oħra. Xogħol sabiħ, antoloġija u kritika. Fiċ-ċokon tagħna hemm ħafna fuqxiex nitkellmu u niktbu. Biss dnub li aħna żgħar u għalhekk kollox jibqa' bejn erba' awturi u jieqaf hemm. Għadna 'l bogħod biex il-letteratura (u l-arti in ġenerali) tilħaq il-massa. Ikollna ngħidu b'dispjaċir li l-injuranza għadha mxerrda ġmielha fostna. Il-famuż dictum ta' Terentius: "Homo Sum. Humani nil a ma alienum Puto" (Jien bniedem. Dak li jmiss mal-bniedem jinteressani) mhux magħruf biżżejjed fostna. Biżżejjed tagħmilha ma' xi studenti universitarji biex tinduna b'dan. Allura...?!

B'tislijiet u grazzi mill-ġdid tal-freskezza ta' dawn il-ftit folji.

Karmenu.

**E-mail mingħand Lina Brockdorff, 2 ta' Marzu 2016**

Ghaziz Patrick,
Prosit ta' IL-PONT numru 38 li bħas-soltu huwa mimli daqs bajda b'kummenti tieghek flimkien ma' kitbiet u intervisti. Naqbel mieghek dwar dak il-ktieb li kont qed taqra ma' ibnek fejn sibt xi kliem li soltu mhux kkunsidrat bhala kliem edukat. Insibha ferm aktar serja s-sitwazzjoni meta siltiet bħal dawn jinqraw fuq radjijiet, u tiskanta kif kittieba bħal dawn qed ikunu kkunsidrati bħala ġenji niżlin mis-sema! Tlifna kull sens ta' bilanċ u dekor, imma agħar minn hekk dalwaqt ninsew kif tkun u kif għandna niktbu l-vera letteratura li tpaxxik imma żżomm 'il boghod mill-ħmieġ. U lil dawk il-kittieba kulħadd iċapċpilhom!

Tislijiet,
Lina

**E-mail mingħand Mario Griscti, 2 ta' Marzu 2016**

Għażiż Patrick,
Irċevejt IL-PONT ta' dan ix-xahar, Marzu 2016. Niżżikħajr qatigħ. Żammejt il-kontenut dinjituż tal-ħarġiet kollha ta' qabel. Innutajt ukoll, iż-żieda (fil-fehma tiegħi meħtieġa u ġusta) ta' poeżiji, apparti artikli mill-aktar interessanti, is-soltu vetrina kontemporanja ta' pubblikazzjonijiet ġodda, kitbiet avventurużi u intervisti ma' kittieba interessanti, aħbarijiet internazzjonali naturalment b'konnessjoni letterarja (bħat-telfa mondjali tal-kittieb Umberto Eco), u l-famuż editorjal, mimli informazzjoni u tagħlim t'utilità. Grazzi ħafna Patrick, tal-poeżija li xandartli.

Marzu huwa x-xahar li jinawgura r-Rebbiegħa u IL-PONT inqisu r-Rebbiegħa Letterarja, dejjem tfewwaħ b'elementi letterarji kontemporanji mill-aktar validi.
B'Imħabba,

Mario

**E-mail mingħand Amanda Busuttil, 6 ta' Marzu 2016**

Għażiż Patrick,
Kemm fraħt bih il-folju ta' dan ix-xahar, tassew mill-isbaħ u fih x'taqra, xalata għal min bħalna għandu għal qalbu l-letteratura. Prosit, ftakar kemm tferraħ nies f'salt b'ħidmietek, nirringrazzjak tassew mill-qalb. Ħa nipprova nibgħatlek xi kitba oħra llum.

Grazzi u nselli għalik,
Amanda



# il-ktieb u l-intervista (1) Alfred Massa




***NISĠET IL-ĦAJJA - ĠABRA TA' NOVELLI*, ta' Alfred Massa, Horizons 2016.**

**Din l-ewwel darba li ġie ppubblikat ktieb bin-novelli tiegħek? L-aktar li ppubblikajt huma rumanzi u 3 kotba ta' poeżija. Xi tgħid?**

Din it-tieni darba li ppubblikajt ktieb bin-novelli tiegħi. L-ewwel ktieb kien jismu *Mill-Bieraħ għal-Lum* u kien ippubblikat fl-1973.

Irrid ngħid li wara l-poeżija jien bdejt nikteb in-novella u ppubblikajt diversi novelli fil-gazzetti. Dan kien fil-bidu tas-sittinijiet. Darba minnhom resaq fuqi Alfred Buhagiar li kien jgħallem miegħi fl-iskola ta' Kalafrana u talabni xi novelli biex jinqraw fil-programm tal-A.K.M. "Is-Siegħa tal-Morda" li kien jixxandar fuq ir-Rediffusion. Ġbart xi novelli li kont ktibt u tajthomlu. Alfred, Alla jagħtih il-Ġenna, ġabarhom fi ktieb u qassmu b'xejn lill-morda. B'hekk, barra milli n-novelli kienu jinqraw fix-xandira li semmejtlek, il-morda setgħu jaqrahom bil-kumdità tagħhom fi ktieb.

Dwar it-tieni mistoqsija, kif stqarrejt kemm-il darba, l-ewwel ma bdejt nikteb kienet il-poeżija. Meta kont għadni student ħassejtni msaħħar bil-versi romantiċi tal-poeta Ingliż John Keats (1795-1821) u dan ħajjarni nikteb xi versi bl-Ingliż. Ried ikun Reginald Vella Tomlin, is-surmast tiegħi fl-iskola primarja ta' Birżebbuġa fejn kont ngħallem, li nbuttani biex nibda nikteb bil-Malti. Ħadt il-parir tiegħu u minn dak iż-żmien il-poeżija ntagħġnet miegħi sew tant li ħeġġitni biex nippubblika tliet ġabriet poetiċi, kif għedt int.

Wara n-novelli u l-poeżiji qlibt għad-drama. Ktibt diversi drammi kemm għall-palk kif ukoll għar-radju. Sibt għajnuna kbira minn Patri Wistin Born OP li dak iż-żmien kien il-Kap tal-Programmi tar-Rediffusion. Aktar tard, ktibt ukoll drammi għat-tfal u kont nieħu ħsieb intellagħhom bl-għajnuna ta' għalliema oħra f'diversi skejjel f'Jum il-Premjazzjoni.

Fil-bidu tas-sebgħinijiet imbagħad ktibt l-ewwel rumanz, *Is-Salib tal-Ġiżirana,* li kien ippubblikat minn Cordina's Emporium fl-1972. Ir-rumanz mexa u s-Sur Cordina talabni aktar rumanzi. Dan għamilli l-kuraġġ u ssuktajt nimxi f'din it-triq li għadha għal qalbi sa llum. Fil-fatt, s'issa ppubblikajt 13-il rumanz u ieħor ser ikun f'idejn il-qarrej Malti ma jdumx. Dan se jkun jismu *Għanja Xitwija*.

Ma rridx ninsa nsemmi wkoll il-ktieb *Twelid ta' Stat Indipendenti: Malta 1964*; ktieb dwar il-ġrajja ta' kif pajjiżna wasal biex ħa l-indipendenza tiegħu mill-Ingilterra. F'dan il-ktieb li miegħi kien hemm ukoll għalliem bravu tal-Istorja, ċertu Raymond Spiteri, hemm biss il-"ġrajja" ta' dak l-avveniment importanti u xejn aktar; jiġifieri m'hemmx kummenti la min-naħa tiegħi u lanqas min-naħa ta' Spiteri.

**Kif tvarja l-kitba tan-novella minn dik tar-rumanz?**

Naħseb li fil-lingwa Ingliża nsibu definizzjoni eżatta tan-novella: "a short story". Mela, in-novella tħaddan storja sħiħa, l-istess kif insibu fir-rumanz, imma fil-qosor. Id-differenza hi li fin-novella aktarx li jkun hemm *plot* waħda u fir-rumanz ikun hemm diversi *sub plots*. Għax fir-rumanz l-awtur għandu aktar spazju fejn jimraħ.

Fil-fehma tiegħi kemm in-novella kif ukoll ir-rumanz jeħtieġu sengħa partikolari. L-aktar illum meta qegħdin naraw novelli ta' ċertu tul li qisek tisħajjilhom rumanzetti.

**Ma' xiex se jiltaqa' l-qarrej f'dan il-ktieb ta' novelli? X'għandu li ġabriet oħra ta' novelli m'għandhomx?**

L-ewwel nett, kif ktibt fid-Daħla tal-ktieb dawn in-novelli nkitbu fuq medda ta' madwar 40 sena u aktar. B'danakollu, nemmen li s-suġġetti trattati jistgħu jitqiesu kollha bħala kontemporanji. Insemmi bħala eżempju: l-adulterju, l-imħabba lejn l-annimali, il-familja, is-sopranatural, l-inġustizzji, il-mard, it-tradizzjonijiet lokali, il-problemi tal-anzjani, ilsien in-nies, eċċ.

F'dawn in-novelli xtaqt nagħti stampa tal-ħajja Maltija tul dawn l-aħħar 40 sena. Fl-istess ħin ridt nikxef ċerti nuqqasijiet li jeżistu fostna bil-għan li l-poplu tagħna jsir konxu tagħhom u jipprova jirranġahom. Nemmen li kull bniedem għandu d-dgħjufija tiegħu; ħadd m'għandu d-dritt jitfa' l-ewwel ġebla għax ilkoll għandna n-nuqqasijiet tagħna. Iżda li wieħed jipprova jqum wara xi waqgħa hi xi ħaġa pożittiva.

Stqarrejt li tajt aktar importanza lill-ġrajja milli lill-karattri. Iżda dan ma jfisserx li l-karattri warrabthom għal kollox. Kif stajt nagħmel dan? Il-karattri jimxu pari passu mal-ġrajja.

Naturalment, l-istħajjil ma jonqosx. Bħalma ma jonqsux lanqas l-importanza tan-nisġa tan-novella kif ukoll it-tħaddim tal-ilsien Malti.

Fi ftit kliem, nemmen li l-qarrej ser jieħu gost jaqra dawn l-istejjer li jvarjaw fit-tul, fit-tema u fl-istil tagħhom. Il-preżentazzjoni tal-ktieb għandha tisraq il-kurżità ta' kulmin iħobb il-qari bil-Malti u nemmen bis-sħiħ li n-novella għad għandha post speċjali f'qalb il-poplu tagħna.

Dwar it-tieni mistoqsija tiegħek, x'se jsib differenti l-qarrej f'din il-Ġabra, ma nafx inwieġeb. It-tweġiba nħalliha għall-qarrej innifsu.

**MARA NADIFA - RAKKONT TA' SALV SAMMUT**

Carmen kienet mara nadifa, anzi, iffissata fl-indafa. Żraben minn barra ma jimxux fid-dar u l-kmamar dejjem xummiema. Jum minnhom ħarġet fit-triq u damet ħin twil bid-*detergents* togħrok il-bankina, l-għatba, il-koxxa tal-bieb u tillostra l-pumi u l-buttuna tal-qanpiena, hekk li tal-ittri ma ssograx iċemplilha għal ittra reġistrata. Meta lestiet daħlet għajjiena mejta u qalet: "Għall-erwieħ jaħasra x'kedda ħadt! Kemm ili biex nagħmilha din, imma fl-aħħar lestejtha."

Wara ftit tal-ħin għadda raġel iġebbed kelb ġmielu li kif xamm ir-riħa tfuħ mal-bieb ta' Carmen, stira ġismu, baxxa il-warrani, fetaħ saqajh u ferra munzell frisk. Is-sid, kif lesta, ġebbdu bil-ħeffa bil-borża tal-plastik għadha marbuta maċ-ċinga u ssoktaw mexjin.

Għall-ħabta tal-ħamsa ta' waranofsinhar daħal id-dar Johnnie u sab lil martu qed tfarfar fuq il-*cupboard*. Dan kif raha, qalilha:

"Illum mhux suppost kellek taħsel barra għax għada t-tberik?"

Carmen ħarset lejh u b'ħarsa ta' tmaqdir, weġbitu:

"Mela għajnejk mhux f'wiċċek qegħdin. Ma rajtx kullimkien maħsul u nadif? X'kull waħda! Taf tapprezzah xogħli wkoll, int!"

Johnnie xengel rasu, għolla spallejh 'il fuq u b'nofs tbissima, għarrafha:

"Mela ħa ngħidlek ... ħadt battika għalxejn għax għandek ħarja ta' kelb daqsxiex ħdejn l-għatba tal-bieb ta' barra!"

Johnnie ma semax biex martu kienet ġibditha bl-għeruq u x-xniexel.






**IN-*NEMMIES*, ta' Alfred Scalpello, Horizons 2106.**

**In-Nemmies, volum massiċċ ta' kwazi 700 paġna. X'wasslek biex tinġibed lejh daqstant li ddeċidejt taqilbu għall-Malti?**

Hekk hu. L-istorja ta' dan il-ktieb tmur lura għas-sena 2013 meta jien u nfittex fl-internet ktieb tajjeb bil-Germaniż x'naqra fis-sajf, qrajt diversi riċensjonjijiet tajbin fuqu u għalhekk iddeċidejt li nniżżlu fuq il-'kindle' u nibda naqrah. Hekk għamilt u ma stajtx nieqaf għax fih storja tassew intriganti u diversi karattri interessanti li l-awtriċi jirnexxilha tgħaqqadhom flimkien b'ħila kbira, b'mod li sal-aħħar paġna tibqa' ma tkunx taf eżatt min hu l-qattiel taż-żewġ nisa u raġel li jinqatlu matulu. Ktieb li tassew iħallik bla nifs u bil-kurżità sal-aħħar, m'għandnix xi ngħidu bis-soltu sorpriża finali li żgur ħadd ma jkun qed jistenna.

**Kuntatti bejnek u Charlotte Link? Xi tgħid dwar dan?**

Qatt ma kelli kuntatti mal-awtriċi Ġermaniża. Il-kuntatti saru minn Horizons għan-nom tiegħi biex jintalab il-permess u tingħata l-liċenzja biex inkun nista' naqleb ir-rumanz għall-Malti. Barra minn hekk qrajt bosta xogħlijiet oħra tagħha.

**Għaliex it-traduzzjoni u mhux il-kitba ta' rumanz oriġinali? L-isfidi li ltqajt magħhom matul il-proċess? Sodisfazzjonijiet?**

Għalkemm dejjem kelli f'moħħi li nikteb rumanz oriġinali u għandi wieħed li ilu jberren f'moħħi għal bosta snin, għad ma rnexxilix nasal biex niktbu. Billi issa ili ngħallem u nistudja t-traduzzjoni għal xi żmien, insibha aktar faċli li nittraduċi kotba minn ilsna barranin. Infatti qabel dan, ittraduċejt rumanz polizjesk ieħor miktub minn Michele Giuttari bl-isem ta' *Il-loġġa tal-innoċenti*, flimkien mal-istoriku Dr Thomas Freller, rakkont ta' vjaġġ lejn Malta ta' awtur Ġermaniż ieħor, Breithaupt, li fih it-tieni l-eqdem deskrizzjoni ta' Malta kif ukoll flimkien mal-Prof Toni Aquilina u Ritianne Stanyer, studenta tat-traduzzjoni u issa taħdem bħala traduttriċi l-Lussenburgu, glossarju Ġermaniż Malti - Malti Ġermaniż għat-tfal tal-iskejjel sekondarji Maltin.

Jien u nittraduċi dan ir-rumanz iltqajt mad-diffikultajiet tas-soltu billi fil-Malti mhux dejjem issib l-aħjar kelma biex taqleb dak li hemm fil-verżjoni oriġinali Ġermaniża. Barra minn hekk, dan ir-rumanz huwa ambjentat l-Ingilterra u fih ħafna kliem u frażijiet bl-Ingliż. Għalhekk ħadt id-deċiżjoni li nżomm xi wħud minnhom biex kemm jista' jkun inżomm l-ispirtu tat-test oriġinali. Fi bnadi oħra ippruvajt inkun kreattiv ukoll, wara kollox dak hu s-sabiħ tat-traduzzjoni. Wieħed irid jibqa' kemm jista' jkun fidil lejn it-test oriġinali imma fl-istess ħin il-verżjoni Maltija ma tridx tinħass li hi traduzzjoni u tinżel tajjeb mal-qarrejja Maltin li jaqrawh u jħossu fih l-ispirtu tat-test oriġinali.

It-traduzzjoni lili dejjem ittini sodisfazzjon kbir għaliex għalkemm huwa xogħol ta' paċenzja u reqqa kbira, fl-istess ħin hu xogħol kreattiv u jnissel fik dak is-sens ta' sodisfazzjon li wieħed iħoss meta jikkrea xi ħaġa ġdida.

**Progetti oħra?**

Bħalissa qed naħdem flimkien ma' Dr Mario Cassar fuq proġett ieħor dwar l-ilsien Malti imma għadna fil-bidu.

***Alfred Scalpello hu Lettur Anzjan tal-Ġermaniż fl-Università ta' Malta.***

# tifkira ta' poeta

## Toni Caruana

**TONI CARUANA - KIF NAFU JIEN - Jikteb il-poeta Mario Griscti biex ifakkar lill-poeta mill-Belt li ħalliena f'Ġunju tal-2010.**

Nixtieq nikkommemora lill-mibki ħabib tiegħi Toni Caruana, snin wara mewtu, b'ilwien ta' ħajja. Toni miet, imma ngħid għalija, kull meta nidħol il-Belt Valletta, għadni nippretendi li ser narah, li ser niltaqa' miegħu, li ser nieqfu nitkellmu. Bejnu u bejni, ma kienx hemm formalità. Konna ħbieb sinċieri u kont inħossni komdu nagħtih id-dritta u r-rispett li jixraqlu.



Waħda mill-affarijiet li kienet togħġobni fih, li kien ta' żaqqu f'fommu. Kelma kien jgħidha. Qatt biex iweġġa'. Biex jgħallem. Kien kontra l-ipokresija bis-saħħa. U fejn kien iħoss, li jwieġeb lil xi ħadd, saħansitra jekk jidħol f'kontroversja, ma kien jiddejjaq xejn. Forsi kien hemm min jaħseb dak iż-żmien, li Toni ma kien jemmen b'xejn u b'ħadd. Dan mhu minnu xejn.

Nassumi li kien jemmen, ferm aktar minn dawk li jgħidu u jiftaħru li jemmnu, imma qatt ma fetħu Bibbja waħda biss jew dawk li deħlin u ħerġin minn knisja għall-oħra, bl-odju f'qalbhom kontra dik, dak u l-oħra. Forsi kienet il-pubblikazzjoni tiegħu *Nhar ta' Ġimgħa ma' Dun Vanġiel* li setgħet pinġiet lil Toni Caruana f'dan id-dawl, għalkemm hu ma kienx jikkoppa.

Fil-poeżiji tiegħu, jidher qisu investigatur, janalizza l-ħolqien, jistaqsi, ifittex, isib jew jitlef, jirbaħ jew iċedi, imma konsistenti u koerenti ma' twemminu. Bħala poeta, Toni Caruana ma setax ma jħobbx u din l-imħabba, injettaha fil-poeżija tiegħu dwar in-natura, dwar il-familja, dwar il-ħaddiema, dwar il-politika. Il-ħsieb ħieles tiegħu kien imperreċ f'kull vers mitbugħ.

Fl-Għaqda Poeti Maltin hu kien membru rikonoxxut, maħbub u magħruf. Ġieli ħaqqaqha ma' xi ħadd fejn kien jidhirlu li dak li jkun, ikun żbaljat. Imma xejn b'mibegħda. Fih kien hemm tiftixa kontinwa għall-verità, għas-sewwa, għall-ġustizzja. Kellu rispett politiku kbir lejn l-eks Prim Ministru Mintoff, li f'għeluq it-tletin sena tiegħu bħala Mexxej tal-PL iddedikalu saħansitra xi poeżiji.

Kellu amiċizja wkoll ma' Anton Buttiġieġ, poeta bħalu, politiku u eks President tar-Repubblika ta' Malta. Jiena sirt naf lil Toni Caruana fis-snin tmenin. Dak iż-żmien kont inxandar ħafna poeżiji soċjali tiegħi stess, u nidħol f'konkorsi tal-letteratura. Kont nikteb f'rivisti letterarji imma wkoll kont nikteb ittri politiċi li lil Toni kienu jogħġbuh u kien ikellimni dwarhom.

Darba fi Triq Sant'Ursola, il-Belt, rajt lil dan Toni. Waqqafni u qalli: "Isma' Mar, għax ma tiktibx xi novella?". Jiena weġibtu li "Iktar inħossni komdu fil-poeżija". Toni ma ċedilix. Qalli: "Tikteb daqstant ittri fil-ġurnali, ma tiktibx novella?". U bħal sfidani (bi ħbiberija naturalment). U bl-insistenza tiegħu, ktibt ukoll xi novelli li xxandruli fil-paġni letterarji.

Toni Caruana kien bniedem li tista' tafdah b'għajnejk magħluqa. Ma kien ser jilagħbek qatt. Raġel mill-aqwa. Darba jiena ktibt u semmejtu bħala "kbir". Din ta' "kbir" ma niżlitlux. Sabni u qalli, "Għax issa qed nixjieħ hux?". Issummani. Jiena ma ridtx inweġġgħu. "Kbir f'kitbietek int", għidtlu. Tbissem. Ma nafx emminnix. Naf żgur li kien japprezzani u jħobbni.

Toni kien raġel, li ma tistax ma tħobbux. Ftit qabel ħalliena, rajtu Ta' Xbiex fis-Sajf mal-familja. Rajtu mill-bogħod. Xejjirli u sellimli. Imma t-tislima mat-tixjira tiegħu, ħassejthom qribi hekk, li għadni nħoss is-sħana tal-imħabba tagħhom, sa llum.

# poeżiji ta' Toni Caruana

**ASTRONAWTA**

… u kif wasal fil-beraħ
u ħalla w'rajh id-dinja mbiegħda
bil-ġlied, bil-għira u l-mibegħda
tgħaxxaq u feraħ!

Ma xtaqx li jerġa' jaqa'
fuq tad-dinja s-sisien
kif ra l-ġmiel u l-indafa
tal-firxa bla qisien.
U ra li qawwet Alla mhix xi ħrafa
għalkemm 'l hemm fuq ma ltaqa'
ma' ħadd u xej'…
Imbagħad minn qalbu ħarġet karba:
Kemm huwa sbejjaħ il-ħolqien!
Min sejjes dak li għadda u dak li ġej?
U kliemu kien qisu xi talba
jew tifħir xieraq lill-Mulej!

**(minn *Diwi fl-Ispazju*, Għaqda Poeti, 1985)**

**ĠIRJA LURA**

Jekk is-Sur Wells jislifni
l-magna taż-żmien
immur fis-snin mgħoddija
flok 'il quddiem
sabiex niltaqa' ma' Socratis
il-filosfu qadim
ħalli jgħallimni nħaddem moħħi,
ħalli jħarriġni fit-tagħlim
u biex niltaqa' ma' Voltaire
sabiex tiegħi jgħidli l-ġrajjiet
u jekk jeħtieġ kif niddefendi
lil min ma jaqbilx miegħi
dwar xi fehmiet.
Niltaqa' ma' Franġisk t'Assisi
biex nitgħallem il-Kristjaniżmu
u nqatta' xi żmien ħdejh narah iwettqu
bix-xogħol ta' jdejh.
U fl-aħħarnett sabiex niltaqa'
ma' Pindar ġewwa Thebes,
l-għannej b'xofftejh għaslija
sabiex nitgħaxxaq bi ħlewwetu
u biex jgħallimni l-poeżija.

**(minn *Riflessi Fiddiena*, Għaqda Poeti Maltin, 2000)**

**ĦANNIEQA**

Jekk jien nilbes ħannieqa
tal-ġiżimin
ma ndumx wisq ingawdiha
għax f'qasir żmien titlef il-bjuda
u l-fwieħa.

U jekk nilbes ħannieqa
tad-deh'b u l-ġawhar
nista' niġi misruq
u jekk inżommha sal-mewt tiegħi
tintlibes mill-werrieta.

Iżda jekk jiena ndomm bis-sabar
il-lewlu tal-imħabba
f'tul il-ħarira
qawwija tal-ħniena
u norbot sew it-truf
bl-għoqda tas-sliem
jiena nilbes ħannieqa
li ma tistax tinqered jew tiqdiem.

**(minn *Mal-Mewġa taż-Żmien*, Għaqda Letterarja Maltija, 2001)**

**ŻEWĠ IRWIEĦ**

Kemm ferħ  hena
li kieku kelli żewġt irwieħ
bit-tama li jittajru fl-għoli
bħal żewġ għasafar mal-irjieħ.

Iżda kemm niket
jekk waħda mill-irwieħ
taqa' u tintilef
fuq l-art ta' bla mistrieħ!

U x'għalja nieħu jekk wara li narmi
r-ruħ l-oħra, għaliex ridt kollox jew xejn
jiġi xi ħadd u jġibli l-aħbar tajba
li sabli l-ewwel ruħ ħa jkolli tnejn…!

**(minn *Diwi fl-Ispazju*, Għaqda Poeti, 1985)**

# l-intervista

## Lina Brockdorff



**Liema huma l-kotba tiegħek li ġew ippublikati l-aktar għal qalbek u għaliex?**

S'issa ippublikajt ħdax-il ktieb. L-iktar li kienu għal qalbi kienu *Sireni u Serenati* ippublikat mill-Klabb Kotba Maltin fit-2004, bijografija ta' tfuliti fil-gwerra. Issaqsinix għaliex qed insemmi dan il-ktieb wara li kważi ktibtu bilfors daqs kemm dejquni nies li jisfurzawni għax li semgħu xi avventura tal-gwerra fi tfuliti mxandra fuq Radju Malta. Wara ħafna taħbit l-Horizons ser jippublika verżjoni ta' dal-ktieb bl-Ingliż bl-isem ta' *Serenades amidst the Sirens*. Bħala t-tieni ktieb għal qalbi huwa dak li ħareġ ftit ilu, wkoll mill-Horizons, *Luciano*, imma did-darba dan huwa rumanz storiku. Jista' jkun għaliex l-aktar rumanz li għalih kelli nagħmel riċerka, ma nafx. Intant dak hu.

**Proġetti riċenti u li qed taħdem fuqhom bħalissa.**

Bħalissa qed naħdem fuq rumanz ieħor, għalkemm għad għandi xi xogħol qablu li għadu fil-kexxun. Imma l-kittieb, bħal kull artist ieħor, iħossu qed jiġġennen jekk ma jiktibx xi ħaġa, żgħira kemm hi żgħira kuljum. Iva, mela dan ir-rumanz ser ikun jismu *Taħt is-Swar tal-Imdina* u bħal kull rumanz ieħor tiegħi huwa storja ta' mħabba. Sadattant, qablu fil-kju hemm *'Il Barra mill-Isqaq*.

**Kif tevalwa l-esperjenzi tiegħek ta' kittieba? Tatek sodisfazzjon jew aktar delużjonijiet?**

Ħafna aktar delużjonijiet minn sodisfazzjon. Inti qed tifhimni tajjeb, Patrick għax inti kittieb u żgur li għaddejt minn dal-martirju li jgħaddi minnu kull kittieb Malti. Għax jekk ma jkollokx eluf ta' ewro f'idejk biex titkessaħ u tmur quddiem il-pubblikatur b'wiċċek minn quddiem, miskin int. Int tallab u xejn aktar, tallab li tistenna li xi darba il-bikja tiegħek ser tkun mismugħa.

Delużżjonijiet kelli kemm trid. Ma ninsa qatt pubblikatur li malli mort quddiemu bil-manuskritt ta' *Sireni u Serenati* lanqas biss ried imissu b'idu. Ħaseb li fih il-ġdim! U dan, jekk jogħġbok kien fiż-żmien jaħdem fin-negozju tal-familja tagħna! Urieni salt manuskritti ta' barranin u qalli: "M'intix tara x'għandi hawn! Dawk żgur fihom il-ħobż". Ħriġt minn hemm nibki.

Intant, imma, meta jirnexxili nara ktieb tiegħi lest ninsa kollox. Qisha bħal dik l-omm li tinsa l-uġigħ u l-iskumdità ta' disa' xhur tqala malli tilmaħ lit-tarbaija f'idejha. Insomma, jiġri x'jiġri, diment li jibqagħli ftit dawl f'għajnejja żgur li ma nwarrabx dan il-passatemp li għalija huwa l-istess ħajti.

Mary Chetcuti



## LEĠĠENDI U MISTERI MILL-QALBA TAL-QRENDI

Bdiet taqa' dalma kbira u f'daqqa waħda r-riħ tqawwa u kesaħ iktar mis-soltu għal żmienu. Minn fuq il-Lbiċ, is-sema beda jixgħel ma' kull sajjetta li tfaqqa' u sserrep fuq baħar iswed. It-tempesta bdiet toqrob b'ħeffa kbira u r-raħħala tal-Qrendi telqu x-xogħol minn idejhom u rħewlha bil-ġirja biex jissakkru fi djarhom sakemm tgħaddi l-qilla tagħha. Qatt ma basru li kienu sa jesperjenzaw fenomenu naturali li qatt ma' kienu għadhom raw bħalu. Ix-xita niżlet bil-qliel għal tlett ijiem sħaħ bla ma' taqta' xejn, bir-riħ qawwi jsabbatha mal-ħitan tad-djar qisu jrid jifqagħhom biex jidħol u jkaxkar kull ma jsib. In-nhar iddallam bħal-lejl. Dakinhar l-elementi żvugaw l-għadab tagħhom kollu fuq Malta b'mod partilolari fuq l-imsejkna Qrendin.

Bħallikieku l-għargħar ma kinux biżżejjed, fid-daqqa u l-ħin triegħdet l-art taħt saqajn kulħadd u nstema' ħoss li jwerwer ta' tiġrif ta' ġebel kbir. Medda kbira ta' art ċediet taħt il-piż tal-ilma li belgħet, baqgħet nieżla fil-vojt li sabet taħtha u ħalliet ħofra enormi b'kappella żgħira tibqa' mxabbta max-xifer tħares 'l isfel fi dlam li jwaħħax. Kien it-23 ta' Novembru 1343 u dan il-fenomenu baqa' jissemma bħala 't-tempesta l-kbira'. Il-ħofra tlaqqmet il-Maqluba li mal-milja taż-żmien qanqlet ħafna ħrejjef, uħud minnhom imżewqin sew, kif ukoll ipoteżi kredibbli u inqas kredibbli ta' xi kkaġuna diżastru kbir bħal dan.

Fost il-ħrejjef tal-Maqluba minsuġa fil-folklor Malti, l-aktar popolari hija din li ġejja: jingħad li f'tarf ir-raħal tal-Qrendi kien hemm komunità ta' nies li kienu qed jgħixu ħajja xxellerata. Ta' xejn kienet tammonihom waħda mara xwejħa biex ibiddlu ħajjithom għax kienu qed joħolqu dispjaċir kbir lill-Ħallieq. Ix-xwejħa kienet ta' spiss tintlemaħ miġbura għarkupptejha fil-Kappella ta' San Mattew, titlob għall-indiema ta' dawn il-midinbin; imma kien kollu għalxejn. Darba fost l-oħrajn, waqt li din il-mara kienet miġbura bħas-soltu titlob, għamel terremot qawwi, infetħet l-art ta' maġenb il-kappella u belgħet lil kulħadd. Il-kappella bix-xwejħa fiha baqgħet l-unika binja li ma ġġarrfitx. Il-Ħallieq kien tilef il-paċenzja ma' min ma ridx ibiddel triqtu.

Teżisti verżjoni oħra għal din il-leġġenda li tqarreb kważi kważi lejn il-fantaxjenza. Din tgħid li l-Ħallieq lanqas it-tiġrif f'qiegħ il-ħofra kkaġunata mit-terremot ma ried jara b'għajnejh. Għaldaqstant, bagħat l-anġli tiegħu fid-dinja li tellgħu mill-ħofra din il-massa ta' blat imfarrak, siġar bl-għeruq imdendlin u bnedmin mgħaffġin fil-ġebel ta' djarhom u tefgħuhom fl-infern. Ix-xitan irribella għax lanqas hu ma riedhom għandu lil dawn il-misħutin u rmiehom lura fid-dinja fejn spiċċaw fil-baħar u b'hekk iffurmat il-blata ta' Filfla. Drabi oħra jingħad li ġgant li kien jgħix fuq il-gżira ta' Malta beda jingħata fastidju min-nies ta' raħal żgħir ħdejn il-Qrendi; ir-raħal seta' kien jismu Ħal Lew. Jum minnhom, il-ġgant inħakem minn rabja kbira u mitluf kif kien ħataf ir-raħal fil-pala ġganteska ta' idu, qaċċtu mill-qiegħ u rmieh 'il barra fil-baħar. Il-munzell għaqad bl-ilma u ffurmat Filfla.

Nerġgħu lura b'saqajna mal-art biex nagħtik ftit informazzjoni fuq il-ħofra tal-Maqluba li tkopri wisa' ta' madwar 6,000 metru kwadru (ftit iktar minn ħames tomniet art) b'fond ta' iktar minn 15–il metru u perimetru ta' 300 metru. Meta tittawwal minn fuq tolqtok il-veġetazzjoni ffullata li tikber fiha. Jekk tkun aktar avventuruż u tixxabbat bil-ħbula għal isfel tintebaħ li fiha ġnien naturali ta' siġar fosthom ħarrub, tin u

rand, siġar tal-għargħar, tar-rummien u tal-anżalor. Barra minn hekk jikber ħafna qasab (xhieda tal-abbundanza ta' ilma li tilqa' fiha din il-ħofra), għolliq, liedna, kappar, bajtar tax-xewk u flora oħra tipika tal-Mediterran. Instab li jgħixu fiha insetti u friefet il-lejl li huma endemiċi għall-Gżejjer Maltin.

Barra li hi waħda mill-ħafna attrazzjonijiet li joffri l-Qrendi, dan ir-raħal żgħir imma kbir fl-istorja u ġmiel naturali, il-Maqluba hija żona protetta u tifforma parti mill-proġett Natura 2000. Tiġbed l-attenzjoni u l-kurżità ta' ħafna barranin li tennew l-opinjonijiet differenti tagħhom rigward il-formazzjoni ta' ħofra ta' din id-dimensjoni. L-aktar waħda probabbli hija li taħt il-ħamrija kienet teżisti ġebla tal-franka magħrufa bħala tas-sekonda, li hija ħafna iktar fraġli mill-franka u titfarrak malajr, flimkien ma' strati ta' tafal li jagħmel it-terren instabbli. Għalhekk jista' jkun li bl-ammont ta' xita li niżlet f'salt matul it-tempesta tal-1343, is-sedimenti ta' taħt il-ħamriija tant tqalu bil-piż tal-ilma li xorbu li sfrundaw saqaf ta' għar li seta' eżista taħthom bil-konsegwenza li ħalla ħofra fonda li llum bl-ilsien Ingliż, insejħulha *sinkhole*.

Teżisti teorija li l-Maqluba hija waħda mill-ħofriet li ħallew xita ta' kometi li niżlu fuq u madwar il-Gżejjer Maltin mijiet ta' eluf ta' snin ilu. Dan għax, fost oħrajn, hemm ħofra oħra viċin magħrufa bħala l-Maqluba tal-Baħar, il-ħofra tal-Aħrax tal-Mellieħa u l-fatt li l-bajjiet tagħna kollha għandhom id-daħla tagħhom fil-forma ta' nofs qamar. Barra minn hekk, katastrofi bħal din setgħet kienet ir-raġuni għala Malta tbattlet kompletament mill-popolazzjoni preistorika tagħha u baqgħet diżabitata għal mijiet ta' snin.

Ipoteżi oħra hija li fuq dan is-sit kienu tħaffru riservi kbar tal-ilma mill-Feniċi kemm damu fuq gżiritna jużaw il-portijiet u daħliet kennija tagħna. L-inġiniera tagħhom ma kellhomx l-istrumenti biex ikunu jafu x'hemm taħt l-art u bit-toqol tal-ilma beda dejjem jistrieħ il-blat fraġli ta' taħt ir-riservi sakemm sfrundaw u niżlu f'vojt li qatt ma basru li kien jeżisti. Dawn il-ġwiebi jew tankijiet tal-ilma x'aktarx kienu bħal dawk f'Ta' Misqa, li jammontaw għal sebgħa jew tmienja b'kollox u mniffdin minn wieħed għall-ieħor. Dawn servew bħala riserva mdaqqsa tal-ilma għaż-żewġ tempji neolitiċi kbar, l-Imnajdra u Ħaġar Qim, fil-limiti tal-Qrendi.

M'għandi l-ebda dubju li aktar ma jżuruha nies, Maltin u barranin, aktar sa nisimgħu bi stejjer ta' kif inħolqot il-ħofra tal-Maqluba. Jekk għadek ma mortx ngħidlek mur żur dan il-post imdawwar bi ġmiel u misteri, u kif tkun hemm kompli tgħaxxaq bil-wirt storiku u arkitettoniku tar-raħal sabiħ tal-Qrendi.



Il-kappella ta' San Mattew fil-Qrendi.

# kotba u tagħlim tal-malti







**IL-MALTI GĦALL-BARRANI: KTIEB U CD**

Dan il-ktieb ġdid u CD ta' Charles Daniel Saliba jkomplu mas-sensiela ta' kotba Malti/Ingliż, bl-isem *Maltese for Foreigners*. *Maltese Grammar Essentials in Context 2* huwa ktieb tal-grammatika miktub bil-Malti u bl-Ingliż, li permezz tiegħu wieħed jista' jitgħallem il-grammatika Maltija permezz ta' siltiet tal-qari u sitwazzjonijiet li wieħed jiltaqa' magħhom fil-ħajja ta' kuljum. L-eżerċizzji u l-attivitajiet li fih huma ddisinjati biex wieħed jitgħallem il-lingwa f'kuntest, filwaqt li jgħin fit-tagħlim tal-vokabularju, fil-fehim mis-smigħ kif ukoll fil-ħiliet komunikattivi. Barra minn hekk Saliba aġġorna wkoll is-CD bl-awdjo tal-ktieb biex l-istudenti jkunu jistgħu jisimgħu kelliema nattivi jaqraw it-testi jew janimaw id-djalogi. Dan il-ktieb huwa perfett għal kors preintermedju u huwa tajjeb biex jintuża b'mod individwali, fi gruppi, jew l-iskola.

**GWIDA GĦALL-MALTI KOMUNIKATTIV**

Ktieb ġdid ieħor ta' Charles Daniel Saliba hu *Gwida għall-Malti Komunikattiv*. Dan il-ktieb qiegħed imfassal apposta biex jgħinek tikkomunika aħjar bil-Malti miktub. Fih se ssib pariri u mudelli ta' kif tagħmel tipi ta' kitbiet differenti li niltaqgħu magħhom fi żminijiet differenti matul ħajjitna. Fih jinkludi pariri konċiżi u mudelli ta' kif tagħmel: komponimenti ta' stili differenti; ittra formali, informali, f'gazzetta, għal xogħol u ittra elettronika; avviż, deskrizzjoni, direzzjoni, djalogu, kapxin, lista, messaġġ, rapport, reklam, slowgan, struzzjoni, taqsira u traduzzjoni. Saliba fassal ukoll taħriġ fuq kull sezzjoni. L-awtur huwa għalliem tal-Malti, li għallem il-livelli kollha tal-MATSEC, jaf x'diffikultajiet iħabbtu wiċċhom magħhom l-istudenti u għalhekk fassal dan il-ktieb biex jgħinhom. Dan il-ktieb huwa tajjeb biex jintuża b'mod individwali, fi gruppi, jew l-iskola. Għal aktar informazzjoni, tista' żżur is-sit:

[www.charlesdanielsaliba.com](http://www.charlesdanielsaliba.com)

# l-intervista

## Carmel Mallia



**Il-kotba bħala esperjenza għal min hu aktar minn 80 sena. Xi tgħid dwar dan mil-lat personali?**

La se nwieġeb dil-mistoqsija jfisser li jien tassew fuq it-tmenin. Iva ħej!

Hawn qed niftakar li ftit tas-snin ilu kont l-isptar Mater Dei u ltqajt ma’ Bro. Louis Camilleri (li tiegħu se jibdew il-kawża biex jiddikjarawh “qaddis”) li kont ġa naf. Bit-tbissima fuq fommu qalli: “Imma sabiħa x-xjuħija hux!” Jien ukoll tbissimt u wiġibtu: “Naqbel miegħek, imma trid tqis ukoll x’hemm marbut magħha din l-imbierka ta’ xjuħija.”

Għalkemm ix-xjuħija ħafna jqisuha bħala tarġa oħra fil-mixja tal-ħajja, il-ħajja fil-progress, imma x-xjuħija taħbi ħafna diffikultajiet. Wieħed jista’ jżid li ma tistax tiġġeneralizza għax kull xiħ/a għandu/ha l-istorja tiegħu/tagħha.

Nieħdu minni: ikolli ġranet sbieħ u oħra inqas sbieħ. L-isptar mhux l-ewwel darba li żortu. X’tistenna minn ġisem misjur, issa wġigħ ’l hemm, issa wġigħ ’l hawn. Sa wasalt biex nimxi bi tliet saqajn, sieq minnhom tad-deheb għalkemm deheb ma fihiex.

Imma fuq kollox dil-mistoqsija li għamiltli tipprova ddaħħalni fid-dinja tal-kitba. Għalhekk ma rridx nitbiegħed wisq minn dil-ħarsa preċiża. Il-kitba. U mbagħad -- skont il-mistoqsija -- ‘il-kitba bħala esperjenza’. Biex tikteb trid taqra. Il-qari jiftaħlek moħħok, iġiegħlek ma taċċettax kull ma tisma’ u taqra. Il-qari jġiegħlek tagħmel dak li jien tgħallimt fi Franza matul l-istudji tiegħi tal-Filosofija, jiġifieri mistoqsija kbira jew kif nafuha fil-kitba: il-misluta (*point of interrogation*). Insellimlek, Sur Descartes, filosfu tal-filosfi, li għallimtni dan x’ifisser. Għalija jista’ jkun hemm fin-nofs prinċipju intellettwali, jista’ jkun hemm prinċipju reliġjuż, imma dawn xorta jgħaddu mill-għarbiel ta’ moħħi. L-artikli li nikteb fuq gazzetta ewlenija Maltija jixhduh dan. Ħafna mill-poeżiji tiegħi jixhduh dan. Biżżejjed taqbdu f’idejkom il-ktieb tiegħi *100 Ħajku – 100 Tanka* (2004) biex taraw għandix raġun. L-istess id-dramm tiegħi *Najbaroj* li kont daħħalt għall-kompetizzjoni internazzjonali tad-drammi bl-Esperanto u li rebbaħni l-ewwel premju, preċiżament minħabba l-ideat inkwiżittivi tiegħi. Irrid infisser li wkoll f’kitbieti jien dejjem nistaqsi jew nipprova nwieġeb għal xi mistoqsijiet. Imma tgħiduli, sodisfatt? Kellek tweġibiet sodisfaċenti? Iva, jidhirli li kelli. Dawn il-mistoqsijiet wiġbuhomli l-kotba li qrajt, wiġibhomli moħħi. Hemm fejn ma fhimtx? Iva, ġieli. Ma tistenniex li tifhem kollox, imma nista’ ngħid li, bit-tweġibiet li sibt, sodisfatt.

Il-kitba mbagħad imbuttatni biex infisser ruħi. Fuq kollox il-fatt li ktibt hu biżżejjed biex juri li ridt nifrex quddiem il-qarrejja tiegħi dak li ħsibt. It-tgergira waħdanija li għandi hi li aħna pajjiż żgħir u li kelli nippubblika jien stess il-ġabriet ta' poeżija li ktibt. Ħadd ma aċċetta li jippubblikahomli, għalkemm uħud minnhom dehru u għadhom jidhru f’xi rivisti kemm Malta kif ukoll barra. Barra minn Malta jien nikteb fir-rivisti “Beletra Almanako” (Almanakk Letterarju) u “Literatura Foiro” (Fiera Letterarja), it-tnejn bl-Esperanto u huma internazzjonali. Nibgħat ukoll xi poeżiji tiegħi lir-rivista bit-Taljan “Il Foglio Volante”, maħruġ f’Venafro, qrib Ruma. Illum il-ħajja qed inħossha tagħfasni u moħħi m’għadux piano-accordion bħal qabel. Kultant tħarrku u ma jiċċaqlaqx; kultant iżurni dak li nsejħu *writers’ block*. X’tagħmel? Nispara għall-ajru?

**Liema huma l-kotba tiegħek li ġew ippubblikati l-aktar għal qalbek u għaliex?**

Il-kotba tiegħi naqsamhom fi tnejn: proża u poeżija. Fost il-proża hemm ir-rumanzi: it-Triloġija Storika bl-isem komuni *Patrijotti u Ġakbini* fejn jinġabru t-tliet rumanzi *Il-Baruni ta' Ħal Qormi*, *L-Irvell tal-Qassisin* u *Dell Napuljun fuq Malta*. Hemm ukoll *Biża' u Kuraġġ*, storja fuq l-aħħar gwerra dinjija f'Malta; insemmi wkoll *Glorjana* b'xeħta moderna fuq sfond semi-reliġjuż; għandi t-traduzzjoni tar-rumanz ta' Frans Sammut *Il-Ħolma Maltija* bl-isem bl-Esperanto *La Malta Revo* (1994); ma rridx ninsa nsemmi t-traduzzjoni bl-Esperanto tal-ktieb l-isfar ta' P. Mark Mobntbello *Jien Manwel Dimech* bl-isem *Mi, Manuel Dimech* (2011).

Fost il-kotba tal-poeżiji l-aktar għal qalbi huma l-ewwel ġabra ta' poeżiji tiegħi bl-isem *Tbissim l-Imgħoddi* (1978), iddedikat lil marti li kienet ħallietna sena qabel; iż-żewġ antoloġiji ta' poeti Maltin li jien qlibt għall-Esperanto, jiġifieri *Antologio de Maltaj Poetoj* (Antoloġija ta' Poeti Maltin) (1985) u *Malta Nuntempa Poezio* (Il-Poeżija Kontemporanja Maltija) (2009). Din tal-aħħar hi antoloġija ta' membri tal-Għaqda Poeti Maltin. Ippubblikawli wkoll *Poe* (Dom Publ., 2014)), antoloġija ta' poeżiji tiegħi f'ħames lingwi: Esperanto, Franċiż, Ingliż, Malti u Taljan. Barra minn dan, għandi ħafna poeżiji b'diversi lingwi ppubblikati f'antoloġiji Malta u barra. Għandi għal qalbi wkoll it-traduzzjoni li kont għamilt u ppubblikajt jien stess tal-poeżiji sbieħ ta' San Ġwann tas-Salib li jien qlibt mill-Ispanjol kemm għall-Malti kif ukoll għall-Esperanto, u li huma *Llama de Amor Viva* (Fjamma ta' Mħabba Ħajja), *En Una Noche Oscura* (F'Lejl Sewdieni) u l-poeżija twila u waħda mill-isbaħ poeżiji li qatt qrajt, *Cántico Espiritual* (L-Għanja tar-Ruħ) (2010). Għandi oħrajn bħal *Kontrastoj* (poeżiji bl-Esperanto, 1999), *Marionetoj* (poeżiji bl-Esperanto, 1999), *100 Kapricaj Raketoj* (poeżiji bl-Esperanto, 2000), *Pâquerettes* (poeżiji bil-Franċiż, 2002), *Lights & Shadows* (poeżiji bl-Ingliż, 2004), *Distre-Libere* (poeżiji bl-Esperanto, 2005), *Lapislazzuli* (poeżiji bil-Malti, 2001).

Ma rridx ninsa nsemmi li matul il-ħajja kulturali tiegħi kelli x'naqsam ma' diversi għaqdiet. Waħda minnhom hi Il-'Kunsill Ċiviku Żabbar' li jien bdejt xi snin ilu u li għadu għaddej. Hawn kont bdejt noħroġ il-fuljett 'Kikkra Kulturali' (2000-2007). Fl-Għaqda Poeti Maltin kont bdejt 'Versi' li għadha toħroġ sallum imma mmexxija minn Kunsill apposta. Kont noħroġ ukoll 'Il-Muża' (1991-1994) li kont nibagħtu lil xi poeti ħbieb tiegħi. Illum billi jien membru tal-Għaqda Ġużè Muscat Azzopardi/Awturi Qriema, noħroġ fuljett bl-isem 'Altior ab Imo' (Nogħla mill-Qiegħ), id-diviża ta' Ħal Qormi, lill-membri li llum jaslilhom f'forma pdf.

**Proġetti riċenti li qed taħdem fuqhom bħalissa.**

Għadni kemm ippubblikajt *Vulcan*, il-lirika tal-*musical* li nħadem Ħaż-Żabbar fl-2000 u kienet bil-Malti. Għadni kemm qlibtha (2016) għall-Ingliż u ħriġtha fi traduzzjoni parallela. Is-sajf li għadda bdejt rumanz ġdid imma qed niktbu bis-sulluzzu. Milli jidher ir-*writers block* reġa' ġie jżurni. Dak biex jurini li qiegħed hemm u li meta jfettillu, jgħidli biex inċedi l-armi għax hu aqwa minni. U jkolli noqgħod kwiet nistenna li jitlaqni. L-aħħar biċċa xogħol li komplejt sħiħa kien ir-rumanz *Ħajt tas-Sejjieħ* (2015) li bih



ħadt sehem fil-konkors ta’ rumanzi għaż-żgħażagħ is-sena li għaddiet. Għalkemm ma rebbaħnix, imma hemm qiegħed, jistenna li xi ħadd jieħu ħsiebu. Hu rumanz iqsar mill-oħrajn, imma xorta rumanz.

Jien dejjem sejjer. Kultant nibgħat artiklu kulturali lil waħda mill-gazzetti hawn Malta u lir-rivista reliġjuża “Il-Ħabbar”. Hawn l-artikli li nibgħat, wara li kienu talbuni l-Patrijiet ta' San Franġisk magħrufa bħala 'Ta' Putirjal' biex nibda nikteb fir-rivista meraviljuża tagħhom, m’humiex reliġjużi imma b’xejra għal kollox kulturali.

Qed nipprova naqra xi ftit. Dejjem bit-*tablet* quddiemi, għax bħalma ġa għedt, jekk ma taqrax ma tiktibx. Jien xjaħt u għadni nitgħallem u ma nixba' qatt nitgħallem. Barra dan, jien membru tal-Akkademja tal-Esperanto u għalhekk nieħu sehem sħiħ fil-ħidma tagħha permezz tal-internet.

Hemm xogħlijiet oħrajn li m’għandix post insemmi hawnhekk minħabba l-ispazju u li, min jinteressah, jista’ jsib fil-Librerija Pubblika u fil-librerija tal-Università.

Forsi hemm min jgħid, għadu tajjeb Karmenu. Jien ngħidilkom bħalma nsibu fl-Evanġelju: “Ejjew u taraw.” Ftit 'il fuq semmejt il-kelma 'bis-sulluzzu'. Illum hekk qed ngħix. U dak li nagħmel nagħmlu skont iż-żmien li għandi, illum ngħid għall-erwieħ, għada ngħid uff, issa ngħid ajma u mbagħad ngħid ħalluni m'għandi aptit ħadd. Imma ma rridx ingerger. Fl-antik fil-quddiesa bil-Latin il-qassis kien jgħid il-kliem: *Sursum corda*; illum ngħiduha bil-Malti kif jixraq: Ngħollu qalbna 'l fuq. Mhux aħjar titbissem milli bil-geddum, għalkemm ġieli ninduna li qiegħed bil-geddum bla ma naf.

**Ħarsa lura lejn is-snin li għaddew: kif tevalwa l-esperjenza tiegħek ta’ kittieb: pożittiva/ negattiva/ tatek sodisfazzjon jew aktar illużjonijiet?**

Biex inwieġeb dil-mistoqsija nerġa’ ndur fuq it-tweġiba għall-ewwel mistoqsija. Inżid li l-esperjenza tiegħi ta’ kittieb hi pożittiva għall-aħħar. Ma tistax tkun aktar. Jidhirli li ma ktibtx għalxejn. Min hu dak l-awtur li jikteb għar-riħ? Ktibt biex noħroġ dak li kelli fija biex min jaqrani jagħrafni aħjar u forsi forsi jieħu xi ħaġa minn dak li ktibt u forsi jkabbar il-viżjoni tiegħu tad-dinja u tal-bniedem.

Għax x’inhu l-materjal ta’ kull kitba? Mhux id-dinja u l-bniedem? Intenni dak li qal darba l-awtur Latin Terentius: “Homo sum; humani nil a me alienum puto” (Jien bniedem; dak kollu li għandu x’jaqsam mal-bniedem jinteressani). Irbaħt ħafna premjijiet l-aktar tal-poeżija kemm Malta kif ukoll barra, imma l-aktar għal qalbi - mhux bilfors? - huma dawk fejn ħadt l-ewwel. Ippermettuli nsemmi tnejn biss minn ħafna: id-dramm *Najbaroj* (Ġirien) li jien ktibt f’versi u li kien ħa l-ewwel fil-konkors internazzjonali tad-drammi bl-Esperanto mniedi mill-Universala Esperanto-Asocio (2012), u l-poeżija bit-terza rima bl-Esperanto wkoll ‘Balado por Poeto’ (Ballata għal Poeta) fil-konkors ta’ poeżija Esperanto/Taljan imniedi minn Sant’Angelo di Brolo (provinċja ta’ Messina), Sqallija (2015).

Kienu wissewni li telqet sajjetta ma nafx minn fejn. Għadha ddur u tagħqad imma għadha ma waslitx. Meta tasal, tkun ħatfitli minn idi l-bajrow u għalqitli għajnejja. Hemmhekk imbagħad inkun nista’ ngħid : “Quod scripsi scripsi” (Dak li ktibt, ktibt). Quod erat demonstrandum konna ngħidu l-iskola meta konna naħdmu xi teorema fil-Ġeometrija.

U grazzi li ħsibt fija, indirettament, bil-mistoqsijiet li għamiltli u li jidhirli li ssodisfajtek. Ħallejt ħafna barra. Min irid ikun jaf aktar jaf x'għandu jagħmel.

Sur Patrick, int għamilt il-mistoqsijiet lil min hu 'l fuq it-80. Imma jekk xi ħadd, 'il fuq mit-tmenin, tiġih f'moħħu jmur iqalleb fuqi fil-Biblijoteka Nazzjonali tal-Belt ngħidlu biex jaqta' jiesu. M'hemmx lift. Għarukaża, ebda Gvern ma ħaseb għalina. Jien tgħidx kemm-il darba ktibt fejn kelli nikteb. Dak it-taraġ valenu għalina. Forsi fl-aħħar jisimgħu u jkollhom ħniena minna x-xjuħ. Ngħid għalija ili li qtajt jiesi li għad nitla' dak it-taraġ. Ħasra.
U grazzi mill-ġdid.



It-taraġ tal-Biblijoteka Nazzjonali ta’ Malta.



Ritratt ta' Stephen Cachia.

**FISTERRA (Bidu u Tmiem tal-Vjaġġ)**

**(Lil Miro Villar u Alexandre Nerium, żewġ poeti Galizjani li jixegħlu l-fanali tal-poeżija fil-lejl skur tal-Costa da Morte.)**

Kewkba kewkba fejn hi l-benniena tiegħek?
Qalb ix-xbieki mtertqa u l-blat tas-solitudni
jokrob il-vendaval (1) bil-mużika tiegħu tat-tempesti
u jħabbar il-wasla tal-Appostlu Mejjet f'arzella
ġeblija (2).

Kewkba kewkba fejn hi l-benniena tiegħek?
Qalb irħula fqajra jiggranfaw ma' rdumijiet u rias (3),
tibda u tintemm il-mixja tal-Appostlu
fl-aħħar vjaġġ tiegħu bejn widien minsija.

Tifkiriet imċajpra qalb bajjiet vjola u Madonni tas-sajjieda,
wegħdiet u suppliki taħt sema tal-azzar.
U dawl kbir fis-sema jħabbar it-tmiem,

Għalhekk meta jasal l-aħħar tal-vjaġġ
f'Fisterra (4), jinxtegħlu l-fanali fuq l-irdumijiet
u hekk kif ix-xwieni jħallu d-Dinja l-Qadima
nisa u xjuħ jitilgħu mal-qċaċet fuq il-baħar
biex jaraw l-aħħar dellijiet tal-Maħbub tagħhom
qabel ma jgħib wara t-truf tax-xefaq.

Iżda meta d-dmugħ tas-sema
idawrek bin-niket immens tiegħu
ftakar dejjem li Fisterra m'hijiex biss it-tmiem
imma tista' tkun ukoll il-bidu
ta' art u mixja ġdida.

Il-ħajja taf trodd il-mewt kif ukoll il-ħajja.
Kewkba kewkba fejn hi l-benniena tiegħek?

**STEPHEN CACHIA**
**31 ta' Marzu 2016**

**Noti:**

(1) Il-vendaval huwa isem ta' riefnu qawwi li jonfoħ minn fuq l-oċean.
(2)Il-leġġenda tgħid li l-ġisem mejjet tal-Appostlu San Ġakbu tqiegħed ġo dgħajsa tal-ġebel fil-Palestina u minn hemm wasal fil-Kosta tal-Majjistral ta' Spanja fil-Galizja fejn tqiegħed f'"għalqa ta' kwiekeb – Campo Stellae", fil-post fejn illum hemm il-katidral ta' Santiago de Compostela. Santiago de Compostela litteralment tfisser San Ġakbu tal-għalqa tal-kwiekeb.
(3) Rias huma widien wiesgħa li jiftħu fuq il-baħar, tipiċi tal-kosta tal-Galizja fit-tramuntana ta' Spanja.
(4) Fisterra huwa raħal żgħir fil-kosta tal-Galizja, magħrufa bħala Costa da Morte minħabba l-bosta nawfraġji li jseħħu hemmhekk. L-isem Fisterra gej mil-Latin 'Finis terrae', li jfisser it-Tmiem tal-Art, fejn id-Dinja Qadima tispiċċa fuq l-Oċean Atlantiku.

# il-poeżiji

**FIS-SAJF WARA NOFSINHAR**

Wara nofsinhar tas-sajf
kollox kwiet, kollox seren
donnu nisma' tgħaddi t-tren.

Di'tren iġġorr magħha lill-werżieq
biex jagħti l-kunċert ta' kuljum,
jippnotizza lill-Maltin ħalliema
fl-isbaħ raqda li fit-tul iddum.

Wara nofsinhar tas-sajf
m'għamilt xej' u xort'għajjejt,
xemx tarmi l-għaraq w n-nar
kollox jaħraq, vampa l-bejt.

Qiegħ saqajna mimli kallijiet
noħorġu b'saqajn ħafjin
mat-tpaqpiq ta' Ġuż tal-ħobż
Ftira w tin, kemm huma tajbin!

Wara nofsinhar tas-sajf
kollox kwiet, kollox mitruħ,
naqraw ir-rumanzi, l-istejjer
kulħadd jongħos, bil-ktieb miftuħ.

**AMANDA BUSUTTIL**

**LOGĦOB TAL-BOĊĊI**

Intefa' l-likk
w inbeda t-tfigħ tal-boċċi.
Min jersaq fil-qrib
u min 'il bogħod jimmira.
Kulħadd jittanta jġibha
qrib il-likk.

Il-bniedem bħalhom jilgħab
jipprova jimmira
ħa jersaq lejn il-likk
u jwarrab oħrajn
biex żgur ir-rebħ tiegħu
ikun w għalih biss.

**SALV SAMMUT**

**LOVE BEATS**

I close my eyes and feel the wind blowing on my cheeks.
Still, I can see you at the end of the coast.
Once, we were together, in one life, in unity.
As day turns into night, stillness prevails and I find myself alone again.
My feet tread on waves of light, while the voice of Venus echoes across the four winds, humming songs of love.
I still search for love, around the trees, in the sea.
And you and I know that love is all that makes man great.
I then ask God, the Buddha, the Infinite.
The One! No answer, like cold showers on desert sands.
I open my eyes. Love is one, love is God.
Love is me, you, living deep within where boundaries melt.

**MARY ANNE ZAMMIT**

**POEŻIJA**

Meta l-ilma tal-kitla jbaqbaq
u l-fwar jippenetra minn nifsejja
kanali ta' raba' saqwi
u l-antiporta ta' moħħi
iżżaqżaq u tinfetaħ
poeżija titkewwen fil-kurituri misterjużi
bħal lava tiżbroffa minn għajnejja
u tiċċarċar fi dmugħ ħarkieni
ta' mrar ġewwieni
u nimsħu f'maktur li tgħallem jolfoq
mingħajr ma ħadd urieh kif u għala.

**JONATHAN BALZAN**
**(minn *Kilometri*, ta' Jonathan Balzan, APS Bank 2016)**

**L-ILSIEN MALTI**

Iblah hu min ikasbarni,
min jaħqarni mhux f'sessih,
u min ħolom li jeqridni
sew miġnun jista' jinsieh.

Fuq din l-art li tgezzez tajfa
ta' nies kbar u qalbenin,
hieni nibqa' jien nissaltan
fost l-imħabba tal-Maltin.

Kliemi jseħħ! Għax hekk xtaq Alla
meta sawwar il-ħolqien.
Ried lill-bint għażiża tiegħu
ried jagħniha bl-oħla lsien.

**MANWEL PACE**
**(minn *Tliet Ġawhriet*, ta' Manwel Pace,**
**miġbura minn Joseph Pace, APS Bank 2015)**

**NON SO SE VENGO**

Non so se vengo a trovarti. . .
Perché non ho altro da fare
o perché ho bisogno
di sentirmi vicino.

Non so se si può chiamare amore
questo grande timore che ho,
che dopo di te non ci sara' un'altra
che diventa ancora
un'abitudine.

E questo potrebbe essere un altro ciclo
in cui potremo
essere felici.

**ALFRED GRECH**

**PONT KATINETTA**

Biex juri kemm għandu saħħa
l-arrogant jilbes korazza
maħduma minn ta' madwaru,
biex kollha jirkbu fuq daru.

Pont poter, pont qerq, pont korruzzjoni,
kollha jtuha ħafna saħħa;
hi tagħtihom protezzjoni.
Jekk jinżel xi pont minnhom
taf tinfetaq u teqridhom kollha f'daqqa.

**CARMEN REFALO**

**TNEJN FLIMKIEN**

Elf wieħed kien jafu,
elf wieħed kien jafha,
it-tnejn kienu magħrufa,
il-Wieħed Bniedem - Alla,
l-eżempju tat-twajbin,
il-waħda tħobb tixxierek,
ma' tajfa midinbin.

Għalkemm li bejniethom
fil-qasam tal-ħajja
kien jaqsam oċean,
it-tnejn l-istess ġarrbu,
il-mirra tal-kotra,
il-ħajja bla serħan.

Il-Wieħed kien imċaħħad
l-imħabba tal-maħbub,
u wasal biex ta ħajtu,
għal min riedu mislub.
Il-waħda, li għax sabet
il-waqa' fil-ħżunija,
sfat mgħajra, imżebilħa,
minn min qasmilha l-ħtija.

U meta,
min ħabb kien imsammar,
għax għallem ġie mislub,
hemm kienet il-mara,
meħlusa minn kull dnub.
Tolfoq, mgħannqa mal-għuda,
fid-diq qalbha magħsura,
spiċċaw it-tnejn fuq l-għolja,
min ħafer... il-maħfura.

**(Nota tal-poeta:** Ktibtha nhar is-sitta ta' Ottubru 1971, wara li kont qrajt il-poeżija WIEĦED BISS ta' Rużar Briffa u l-poeżija WAĦDA BISS ta' Dun Karm Psaila. Waqt li huma kitbu dwar żewġ karattri differenti, jien ippruvajt ngħaqqadhom flimkien bil-poeżija TNEJN FLIMKIEN.)

**CHARLES MIFSUD**

**ARTIST**

I know that the nature of artist is fickle,
needed her impulse,
restless soul excruciating anguish,
to go over the blade, on the edge...
I still do not understand,
that even if the canvas primed,
what is he able to create a new,
in the depths of the subconscious plunging?
Nevertheless, I always expect
what everyday fog will scatter,
and again deception conquers us,
I will never unravel this secret...

**ADOLF SHVEDCHIKOV**
***Ir-Russja***
**(*Mirrors of Love*, 2015)**

**OF FORGETFULNESS**

Those small hours
that the moments are confined
in the drawers of memory,

keep a dim recollection,
make it a shot of your pain
and throw the dice.

Even if come six in the line
give in forgetfulness the joy
to go for a stroll…

Whatever hurt you much
let it become a teardrop and a kiss
to ease you.

**ZACHAROULA GAITANAKI**
***Il-Greċja***

**MOTHER**

For a Mother
sons and daughters
are children forever
because love
does not change with time.
Full of dreams
for their successful future
the answer each mother
has in mind for her persistence
in waiting to happen
is the infinite hope.

**TERESINKA PEREIRA**
***L-Istati Uniti***

**COLLANA DI PAROLE**

Collana di parole i nostri giorni:
un minuscolo gesto una tua sillaba
sono le perle i gioielli che l'accendono

papà poeta imbroglia le sue carte
e riscrive per te il gioco e ogni regola

ma è impossibile non dirti e conservare
insieme la testimonianza
del magico dischiudersi di un bozzolo
in cui cercavo prigioniero un alibi

non ho imparato a scrivere
chissà
il mio capolavoro sarai tu

da queste mie le tue parole
quando
a infilare collane sarai tu

**GIUSEPPE NAPOLITANO**
***L-Italja***
**(minn *È questo un figlio?*, Edizioni Eva, 2012)**

# minn fuq l-ixkaffa




***KILOMETRI* ta’ Jonathan Balzan, APS Bank 2016.**

Din hija t-tieni ġabra poetika ta’ Jonathan Balzan: din id-darba tiġbor fiha 50 poeżija. Huma kollha poeżiji li Balzan kiteb bejn l-2013 u l-2015. Il-poeta żagħżugħ jagħżel li jikteb bil-vers ħieles, imma l-laqta moderna tidher kemm fil-prezentazzjoni tal-ktieb, fit-titlu li għażel (ma ninsewx li Balzan hu anki maratoneta ppremjat aktar minn darba), kif ukoll fit-trattament tat-temi magħżula. Fid-daħla għall-ktieb Andrew Sciberras jikteb: “[Balzan] jesprimi l-għarfien li kiseb tul il-vjaġġ tal-ħajja b’sentimenti intensi xi drabi mwassla b’ċertezza u xi drabi oħra b’intuwizzjoni, li dawn jixirku ferm tajjeb fil-livell letterali u l-livell metaforiku. Minn poeżija għal oħra jixirfu kliem ta’ xeħta Semitika u Rumanza bl-użu sporadiku tal-Ingliż, li dawn jissawru f’kunċetti universali li jolqtu lil kull wieħed minna b’xi mod jew ieħor.” Anki Tarċisju Zarb jikteb tiegħu f’daħla oħra: “[Balzan] Iwaqqaf għal mument l-instagram tiegħu fuq qagħda, preżenza jew turbulenza u jagħti l-forma tal-poeżija. B’dan il-mod il-ħajja, għal Balzan, ma tibqax is-sempliċi eventi elettrokimiċi li jgħaddu u jisparixxu, imma jsiru huma eventi wieqfa - ritratti poetiċi - iħarsu ġo fina...”




***LUCIANO* ta’ Lina Brockdorff, Horizons 2016.**

Ninsabu Malta ftit qabel ma bdiet is-sena 1900. F’razzett ġo Wied Babu jgħixu flimkien żewġt aħwa nisa; Susann miżżewġa lil Dwardu li jkollhom tarbija, Bettina; u Mattea li żżewġet qabilha lil Peppin li ma jkollhomx tfal. Id-destin ried li fl-istess inħawi jitwieled Luciano f’ċirkustanzi strambi li jispiċċa f’dirgħajn Mattea biex trabbieh. Min kien sewwa sew dan it-tifel?
Malli jibda jitfarfar isir jaf dwar ommu, imma qatt dwar missieru. Jikber ftit ieħor u tfaqqa’ l-Ewwel Gwerra Dinjija li jkollha effett kbir fuq dawn iż-żewġ familji. Aktar minn hekk, ftit wara jibda l-flaġell tal-Influwenza Spanjola, b’mijiet ta’ Maltin jisfaw vittmi.
Luciano u Bettina li kienu jaħsbu li huma kuġini miġbudin sew lejn xulxin. Bettina tilħaq tabiba bir-riskju li tittieħed bil-marda hi wkoll. X’ser jiġri minn dil-koppja ta’ maħbubin? Tgħid Luciano jsir jaf xi darba min kien missieru?




***TLIET ĠAWHRIET - POEŻIJI TA’ MANWEL PACE*, miġbura minn Joseph Pace, APS Bank 2015.**

Manwel Pace twieled f’Bormla fl-1898 u miet fl-1975. Kien skrivan fit-Tarzna. Dan il-ktieb jiġbor fih mas-27 poeżija flimkien ma’ għadd ta’ riflessjonijiet miktubin f’għamla poetika lejn l-aħħar parti. L-għażla ta’ Manwel Pace hija dik tal-poeżija tradizzjonali u regolari li kienet titħaddem fi żmienu: il-kwartini, ir-rima mqabbża, is-senarji, l-ottonarji, id-dekasillabi u d-doppji senarji. Insibu versi li jmorru lura għas-sena 1919 bħal “Innu lil Malta”. Apparti ritratti u dokumenti oħra li jkomplu jżewqu lil din il-pubblikazzjoni, il-ktieb għandu daħla kritika ta’ Oliver Friggieri u Kelmtejn qabel mill-pinna ta’ Dr Paul E. Heywood, flimkien ma’ silta dwar il-poeżija ta’ Manwel Pace mill-ktieb *Vatum Consortium* ta’ Karmenu Vassallo, u l-kitba “Min kien Manwel Pace” miktuba minn Joseph Pace, ibnu nnifsu. Friggieri jsejjaħ lil Manwel Pace “poeta antik minsi” u “poeta silenzjuż”, li proprju għax jirrifletti l-epoka storika li fiha għex jikteb bosta poeżiji patrijottiċi. Vassallo jfaħħar lil Manwel Pace, “għall-ġmiel tal-kelma magħżula u għall-ħsibijiet għolja u nobbli li bihom tistagħna ħafna drabi l-poeżija tiegħu [...] għall-ġmiel tal-versi tiegħu, għall-qawwa u xi drabi l-ħlewwa ta’ ħsibijietu, kif ukoll għas-safa [...] tal-kelma Maltija”.

# minn fuq l-ixkaffa




***IS-SALTNA LI JMISS* ta' George A. Said-Zammit, KKM 2016.**

Dan hu l-ewwel rumanz ta' dan il-kittieb li ħareġ proprju fiż-żmien meta Malta fakkret l-450 sena mill-Assedju l-Kbir. Din hija ġrajja bbażata fuq sfond storiku li toħodna lura lejn iż-żmien meta l-Gżejjer Maltin għaddew taħt it-tmexxija tal-Ordni ta' San Ġwann, avveniment importanti ħafna li ġab reazzjonijiet differenti fost is-soċjetà Maltija tas-seklu sittax. F'din l-istorja niltaqgħu ma' Marianna u l-maħbub tagħha Mikiel, it-tnejn minn Ħal Millieri, li kellhom jgħaddu minn waqtiet diffiċli ħafna fil-ħajja tagħhom sabiex setgħu jiżżewġu u jiffurmaw il-familja tagħhom. F'dan ir-rumanz il-ferħ jitwaħħad man-niket tal-bniedem, il-paċi mal-għawġ, il-mibegħda u t-tbatija, filwaqt li l-qtigħ il-qalb jitwieżen mat-tama. L-imħabba vera taf tagħder u tistenna. Dan ix-xogħol ta' 250 paġna għandu daħla kritika ta' Patrick Sammut u daħla mill-awtur stess, fejn jikteb: "dan ir-rumanz huwa maħsub biex il-qarrej jieħu gost jitgħallem aktar dwar perjodi partikolari tal-istorja ta' Malta filwaqt li jappreżża l-ġmiel tal-ilsien Malti li, fuq kollox, huwa element importanti ħafna mill-identità u l-kultura tagħna l-Maltin."




***WIĊĊ IMB WIĊĊ* mal-verità, ta' Carmel G. Cauchi, BDL 2015.**

Dan hu rumanz indirizzat lil dawk li għandhom minn 13-il sena 'l fuq. Huwa msejjes l-aktar fuq Kelsey, tfajla ta' ħmistax-il sena li għandha ħuha bl-awtiżmu u ssostni li qiegħed ikun ta' xkiel għaliha. Wara l-mewt tan-nannu bdiet torqod għand in-nanna biex ix-xwejħa ma tkunx waħidha billejl. Biex tkompli tagħqad in-nanna bdiet tbati bid-dimenzja u meta tilfet il-portmoni bil-flus akkużat lil Kelsey li serqithulha hi.

Fost iż-żgħażagħ li magħhom tkun Kelsey hemm diversi problemi. Ir-rumanz iġibna wiċċ imb wiċċ ma' sitwazzjonijiet u l-burdati li jvarjaw minn dawk serji bħad-dimenzja, l-awtiżmu u d-divorzju, għal dawk umoristiċi; u minn dawk ta' niket, bħal meta tfajla minnhom tispiċċa f'koma, għal dawk tad-daħq bħaċ-ċajtiet ta' Jerome. Fost iż-żgħażagħ jitfaċċa wkoll l-ewwel xrar ta' mħabba. Għandna mħabba li ma sseħħx għax tfajla jkollha grazzja ma' ġuvni li jitħajjar imur patri, u għandna mħabba oħra li tidher li se sseħħ.




***NIRIEN MA JSAĦĦNUX*, ta' Carmel Scicluna, Horizons 2016.**

Is-sottotitlu għal din il-ġabra ta' 11-il rakkont ġdid ta' Carmel Scicluna huwa "Rakkonti fuq pervertiti u perverżjonijiet". L-awtur jikteb dwar dan il-pajjiż surreali tal-imġienen fejn kulħadd jixxuttja l-boxxla morali, fejn ma fadal xejn ħlief perverżjonijiet ta' kull xorta u pjaċiri tal-ġisem. Għalhekk wieħed mill-ewwel jifhem li dan mhux ktieb għal min jiddarras faċilment, anki għax Scicluna ma jħabbilx rasu fejn jidħol lingwaġġ li wara kollox jirrifletti r-realtajiet ta' kuljum, realtajiet "skandalużi" li aħna lkoll smajna bihom xi ġurnata jew oħra. Għal Scicluna dak li hu iswed iswed, u mhemm skużi tal-ebda tip, filwaqt li ma jaħfirha lil ħadd. Niltaqgħu ma' patri li jiffitta l-cam-girl tiegħu biex flimkien imorru Lurt mill-flus tas-semmiegħa tar-Radju li jmexxi; Ġorġ li jiżvoga waħdu quddiem il-pupi bla ħwejjeġ u ma jridx jersaq lejn martu; raġel li jabbanduna lil ibnu u lit-tieni mara li poġġa magħha biex jerġa' lura mal-ewwel waħda għax kienet ittih iktar gost; serp jismu Moloch; ġrieden-ballerini; ħut u għalf; u Melita bl-għanqud tal-bajd marid, li jkollha tarbija-raġel. Kamera spija wireless titwaħħal f'kamra tal-banju fejn il-ħwejjeġ ta' taħt ta' tfalja jisparixxu mill-laundry bin. Insomma, jekk ħsibtu li dak li qrajna fuq il-gazzetti lokali għadda u ntesa, ħsibtu ħażin. Carmel Scicluna jniggiżna fil-laħam il-ħaj.